Dok 76

## UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDJU U/JEW RIĊERKA GĦAL KUMITATI PERMANENTI

**54. L-ONOR. DAVID AGIUS staqsa lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid jekk hemmx xi forma jew oħra ta' ftehim mal-Università ta' Malta biex fuq talba ta' xi kumitat permanenti isir studju u/jew riċerka fuq suġġett li l-kumitat iħoss il-ħtieġa li jsir riċerka dwaru f'pajjiżna?

04.05.2021

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Is-Sedja tixtieq tinforma lill-Onor. Membru li hija favur kull inizzjattiva li tgħin lill-Kamra u lill-Kumitati biex jaqdu aħjar il-funzjonijiet tagħhom. Hawnhekk is-Sedja tirreferi għal-laqgħa konġunta tal-21 ta' April 2021 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja fejn ġiet diskussa proposta mill-Faculty for Social Wellbeing tal-Università ta' Malta biex isir studju dwar l-awtiżmu f'Malta. Fil-fatt is-Sedja, wara li ġiet mgħoddija lilha din il-proposta, ltaqgħet ma' min imexxi din il-fakultà u laħqet ftehim biex il-Parlament jikkummissjona dan ix-xogħol. Apparti minn hekk ġie maqbul ukoll li fix-xogħol tar-riċerka, jiġu involuti wkoll research analysts tal-Parlament sabiex filwaqt li l-istess Parlament ikun jista' jikkontribwixxi għal dan l-istudju, dan l-eżerċizzju jservi bħala esperjenza għall-istess uffiċjali tal-Parlament. Ġiet diskussa wkoll il-possibilità li din il-kollaborazzjoni tiġi estiża f'oqsma u setturi oħra li jiġu trattati mill-Kumitati tal-Kamra.

Irid jingħad ukoll li l-kollaborazzjoni mal-Università ilha li bdiet numru ta' snin bl-iżvilupp ta' sistemi mill-Faculty of Information & Communication Technology bil-għan li jiġi faċilitat ix-xogħol parlamentari fosthom dak tal-mistoqsijiet parlamentari kif ukoll bl-iżvilupp ta' App li pprovdiet aġġornament kontinwu tal-attivitajiet parlamentari li kienu għaddejja waqt il-presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Ma' din l-istess fakultà, bħalissa qiegħda wkoll tiġi mistħarrġa l-possibilità li l-Università tiżviluppa sistema konnessa mal-immaniġġar ta' dokumenti u data kemm fir-rigward tal-amministrazzjoni ġenerali kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-arkivju tal-Parlament.

Seduta 461
17.05.2021